**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 40 – IT-TNEJN, 23 TA' FRAR 2015 FIL-5.15PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 38**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Dupuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 39**

2.2 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Dupuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Approvazzjoni Minuti Laqgħa ma' Wirt San Ġwann**

3.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Dupuis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Pagamenti Numru 34**

4.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-proġett propost ta' Ġnien Karin Grech kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet li ser ikollu l-Kunsill fuq l-uffiċini l-ġodda. Kien hemm qbil li ssir talba għal-laqgħa mal-Perit u mal-Ministeru fuq dan.

5.2 Kien hemm diskussjoni fuq l-iskrivana tal-Kunsill, is-Sinj Denyse Scerri. Ġie deċiż li din tingħata l-promotion għal Scala 13.

5.3 Kien hemm diskussjoni ukoll fuq l-istaff tal-Kunsill li huma Scala 11. Ġie deċiż li tintalab direzzjoni jekk dawn jistgħux jingħataw progression fil-grad tagħhom.

5.4 Kien hemm qbil li jiġu mistiedna l-Kavallieri ta' San Lazru li s-sede taghhom qedgha f'Torri Lanzon San Gwann għall-festi ta' Jum San Ġwann. Għandu jiġi diskuss aktar 'il quddiem l-attivitajiet ta' Jum San Ġwann.

5.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat tal-Kappara talab biex it-tabelli tat-timed parking fi Triq il-Mensija u Triq in-Naxxar jinbidlu minn Except for Residents ta' dawk it-toroq għall-Except for Residents of San Ġwann. Il-Kunsill ma qabilx fuq din minħabba li tintilef l-iskop li saru dawn it-tabelli.

## 6 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Ġiet innutata talba biex isiru poġġamani fiż-żewġ turġin li jinsabu fil-Masġar. Kien hemm qbil li dawn isiru bi spiża ta' 379.13 Ewro.

6.2 Kien hemm qbil ukoll li tinxtara Tender Box ġdida bi spiża ta' 342.20 Ewro.

6.3 Giet diskussa t-tender għal servizzi ta' Accountant. Minn erbgħa offerti, ġiet innutata li l-irħas offerta hija dik ta' GMM. Din il-kumpanija ilha 20 sena tagħti s-servizzi tagħha lill-Kunsill mod sodisfaċenti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta tal-GMM. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

6.4 Kien hemm diskussjoni fuq it-tender għall-manutenzjoni tat-toroq. Ġie deċiż li jintbagħtu r-rati, taż-żewġ offerti, minn F4 sa F10 lill-Perit tal-Kunsill, biex jindikana jekk dawn ir-rati humiex reali.

6.5 Kien hemm diskussjoni fuq il-budget propost. Ġie deċiż li dan jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss.

6.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jagħmel xi tibdil fil-karigi tal-Kunsilliera. Dawn jinkludu:- Is-Sinjura Joan Farruiga ser tkun responsabbli minn fondi Ewropew, is-Sur Neville Mallia ser ikun responsabbli mill-Edukazzjoni u s-Sinjura Rita Saliba ser tkun responsabbli mit-Tabelli u s-Sinjali fejn hi trid tikkordina mas-Sur Dominic Cassar. Is-Sur Neville Mallia ddikjara li hu rrifjuta din il-kariga.

## 7 Affarjiet Ohra

7.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni li hemm xi tabelli ta' reklamar fit-toroq li m'humiex regolizzati bil-by law. Għandha tittieħed azzjoni fuq din.

7.2 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li qed ikun hemm xi residenti li qed joħorġu l-borża tar-rubbish wara li jkun għadda tal-iskemmil. Għandu jiġi mgħarraf ir-Reġjun biex ikun jista' jibgħat il-Green Wardens.

7.3 Is-Sur Malcolm Abdilla fakkar li għad hemm pendenti ma' TM talba biex jinbidel il-ħin tal-un/loading fi Triq is-Santwarju kif ukoll tiġi rranġata biċċa mill-bankina fl-istess triq.

7.5 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ġie ffurmat u ser jorganizza tournament tal-Football. Rigward it-tournament li jiġi organizzat flimkien mal-Klabb tal-Football, is-Sur Fenech ippropona li jiġi approvat 1100 Ewro għal dan. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 6 favur u 3 astensjoni.

7.6 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li l-istima tal-fuljett tal-Ġimgħa l-kbira ser jiġi 385 Ewro + VAT. Kien hemm qbil unanimu li dan isir. Rigward is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ, is-Sur Micallef talab biex jiltaqgħu mal-Kunsill. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Is-Sur Micallef ippropona zewg persuni għal Mertu San Ġwann. Is-Sur Dominic Cassar ippropona persuna ohra. Dan għandu jiġi deċiż aktar tard.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu 2015 fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |